

# L-altar tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja tal-Imġarr



Mario Fenech

Il-Knisja Parrokkjali tar-raħal tal-Imġarr hija ddedikata lil Marija Assunta. Il-Knisja li hemm illum kienet inbniet madwar il-Knisja l-qadima li kien hemm qabel li mbagħad meta tlestliet il-Knisja l-ġdida kienet ġiet imniżżla.

Il-bini tal-Knisja l-ġdida kien beda f'Ġunju tas-sena 1912 u tlesta lejn April tas-sena 1948. Fil-Knisja li hija tempju Marjan, minbarra l-Kwadru Titulari tal-Artist Lazzaro Pisani u l-istatwa titulari ta' Santa Marija miġjuba minn Marsilja nhar it-18 t'April 1922 hemm ukoll diversi kwadri u statwi bit-tema Marjana.

Fin-niċeċ li hemm fil-Knisja tpoġġew l-istatwi tal-Madonna ta' Lourdes, tal-Madonna Fatima u l-istatwa tad-Duluri. L-ewwel tnejn kienu saru mid-ditta Stufflesser ta' Bolzano ftit taż-żmien wara li kienet saret il-Konsagrazzjoni tal-Knisja fis-sena 1948.

Ma' dawn l-istatwi wieħed isib li tnejn mill-artali tal-ġnub tal-Knisja huma ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju u lill-Madonna tal-Karmnu.

Dan l-artal tal-Karmnu ma sarx f'din il-knisja b'kumbinazzjoni. Ta' min jgħid li meta laħaq Kappillan Dun Ġilormu Chetcuti huwa mill-ewwel beda jaħseb biex fl-Imġarr tiġi mibnija Knisja li tkun ta' daqs akbar minn dik li kien hemm. Il-fatt li r-raħal tal-Imġarr kellu l-popolazzjoni li qiegħda tiżdied sew wassal biex beda jinħass il-bżonn urġenti li tiġi mibnija Knisja ġdida li tkun akbar minn dik li kien hemm.



Il-ħsieb ta' Dun Ġilormu kien li din il-Knisja tkun tixbah lill-Knisja tal-Karmelitani li hemm fl-Imdina. Għalkemm il-bini tal-Knisja dam sejjer għal perjodu twil sew sakemm tlesta dan huwa wkoll kompletament differenti minn dak tal-Knisja tal-Imdina. Iżda l-ħsieb li fil-Knisja jkun hemm ukoll devozzjoni lejn il-Madonna bit-titlu tal-Karmelu wassal għad-deċiżjoni li wieħed mill-altari tal-Knisja jkun iddedikat lill-Madonna b'dan it-titlu.

Il-kwadru ta' fuq l-altar huwa xogħol sabiħ, filwaqt li l-artal huwa tal-irħam bħalma huma l-altar l-oħrajn tal-Knisja. Dan saru meta kienet qiegħda tersaq fil-viċin iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-Knisja. Din iċ-ċerimonja saret b'solennità kbira nhar it-2 ta' Ottubru 1948 u tmexxiet mill-Arċisqof ta' Malta l-Eċċ Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi.

B'hekk dan il-proġett ta' ħidma kbira li l-poplu kollu tal-Imġarr ħadem bla waqfien biex kien lest minn kollox. Issa kien qiegħed jilqa' fih mhux biss l-istatwa titulari tant sabiħa ta' Santa Marija, iżda wkoll dan l-aktar iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.